MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2011

Talba Numru. 526/2011

**Michael Attard Limited (C 32362)**

**vs**

**Rachel Josephine Zahra (ID 48182M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-24 ta' Gunju 2011, fejn intalab li l- konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija, hdax-il Euro u disgha u sebghin centezmu (€511.79c) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex l-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Kodici tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, l-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2011, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha ttiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija, hdax-il Euro u disgha u sebghin centezmu (€511.79c), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------